# Tritoni

minn Emmanuel Cachia

Jien wieħed mit-Tritoni,
xogħli nżomm plattina,
ġurnata naqla' l-ilma,
jekk Alla jħenn għalina.

Dan l-aħħar irranġawna,
ġabuna fl-aħbarijiet,
nadfuna waħda tajba,
fost ħafna xogħlijiet.

Bil-lejl li jixgħeluna,
fuq dan veru kuntent,
kemm jieqfu jammirawna,
tarana nsebbħu l-Belt.

Konna miexja sewwa,
biż-żmien kollox jindara,
fil-kwiet bdew iħalluna,
sakemm intopp inqala'.

Tfajla l-ġmiel tagħha,
neżgħat bil-bikini,
qagħdet hemm tixxemmex,
ħsibtha biex tinkini.

Imteddet fuq l-irħama,
ma nafx eżatt il-ħin,
li żgur qabditni r-rogħda,
żelaqli il-plattin.

Sħabi t-tnejn inħasdu,
fil-bnazzi waslet berqa,
xi ħin ħsibt se ninqabdu,
u forsi taqa' l-werqa.

In-nies malajr inġabret,
u qamet ferneżija,
fil-pront, ma nafx kif waslu,
tfaċċaw il-pulizija.

It-tfajla ftit maħsuda,
intalbet li tinsatar,
raġel xiħ infixel,

u kważi mar fil-qabar.

It-tfajla talbet skuża,
għal din il-konfużjoni,
u reġgħet ġiet il-kalma,
fl-inħawi tat-Tritoni.